TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 283/12/GZ

**Saviour Spiteri**

**vs**

**Unpaused Co. Ltd.**

Illum 10 ta' April 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-6 ta' Novembru, 2012 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' wiehed u sittin Ewro (€61.00), rapprezentanti l-prezz ta' arlogg, liema arlogg gie ddanneggjat meta nha ghat-tiswija ghand is-socjeta' ntimata.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Ghal bidu ta' din is-sena, huwa kien baghat arlogg ta' l-idejn ghand is-socjeta' ntimata ghat-tiswija ghaliex huwa kien tilef ir-'rota'. Xi xahrejn wara, huwa kien staqsa lis-socjeta' ntimata jekk l-arlogg kien lest, fejn hija nformatu li l-agent barrani ma kienx baghtilhom il-parts. Wara ftit, is-socjeta' ntimata kienet informatu li l-agent kien baghtilhom il-parts u li l-arlogg kien lest. Ftit ijiem wara li kien gabar l-arlogg, ir-rikorrent innota li l-kalendarju ma kienx qed jindika d-data tajba u ghalhekk ha l-arlogg lura ghand is-socjeta' ntimata, fejn huwa nformaha illi l-kalendarju kien perfett meta kien

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) ...

halla l-arlogg ghandha u li hija biss fethitu u li ma kienx ser jerga' jhallas l-ispejjez fuqu. Meta ghaddew ftit gimghat, is-socjeta' ntimata kienet qaltlu li l-kalendarju ma kienx jissewwa, pero' l-hin kien tajjeb. Ir-rikorrent qal lis-socjeta' ntimata li ghalih l-arlogg ma kien jiswa xejn minghajr kalendarju, u ghalhekk is-socjeta' ntimata kienet offrietlu 25% skont fuq kwalunkwe arlogg iehor li jaghzel minghandha. Ir-rikorrent ha din l-offerta bhala prova li s-socjeta' ntimata kienet accettat il-htija. Ir-rikorrent baghat l-arlogg ghand l-agent gewwa l-Ingilterra biex jaraw jekk jissewwiex, fejn l-agent qal li l-arlogg ma jissewwiex u li ghalhekk baghtulu arlogg iehor, simili ghall-arlogg in kwistjoni, ghall-prezz ta' wiehed u sittin Ewro (€61.00).

Ghaldaqstant ir-rikorrent qed jitlob kumpens minghand is-socjeta' ntimata ghall-ammont ta' wiehed u sittin Ewro (€61.00).

Ir-rikorrent ezebixxa ittra datata 3 ta' Awissu 2012 minghand is-socjeta' ntimata; flimkien ma' ittra minghand Timex Group UK.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Fil-bidu ta' din is-sena, ir-rikorrent dahhal arlogg tad-ditta 'Timex' ghat-tiswija. Il-hsara kienet li waqatlu il-'crown' li tissetja l-hin. Is-socjeta' ntimata ordnat il-part u damet izjed minn suppost, circa xi 10 gimghat. Meta wasslet il-part, is-socjeta' ntimata rrangat l-arlogg u r-rikorrent iffirma ghalih li kien f'kundizzjoni tajba u hadu. Ftit ijiem wara, ir-rikorrent kien mar lura ghand is-socjeta' ntimata jilmenta dwar il-fatt li d-data ma kenitx dritta. Din setghat tkun vizibbli wara li s-socjeta' ntimata kienet ghamlet it-tiswija fuq il-'crown', li minghajra l-arlogg ma jahdimx. Biex ghamlet din it-tiswija, is-socjeta' ntimata kellha tordnalu l-magna. Peress li l-ahhar darba dam biex jitlesta, is-socjeta' ntimata offrietlu li taghmel din it-tiswija bla hlas. Il-kumpannija barranija kienet informat lis-socjeta' ntimata li ma kienx hemm magna ghall-arlogg u b'hekk hija ma setghat taghmel xejn iktar. Wara dan l-inkonvenjent, is-socjeta' ntimata hasset li kellha toffri 25% discount fuq arlogg gdid ta' l-ghazla tar-rikorrent. L-arlogg tar-rikorrent ma kienx taht il-garanzija. Ir-rikorrent accetta d-discount u ha l-ittra ta' l-offerta mieghu. Kif wiehed jista' jara, il-kumpannija barranija li nqeda biha r-rikorrent, offrietlu l-istess 25% discount fuq arlogg iehor, ghaliex l-arlogg li taghtu, propja jinbiegh ghal tlieta u tmenin Ewro (€83.00). B'hekk dan juri wkoll li din il-kumpannija barranija ma kellhiex il-part li kellu bzonn l-arlogg tar-rikorrent.

Ma dana kollu, is-socjeta' ntimata ma ssib l-ebda raguni ghaliex ghandha thallas ta' l-arlogg li r-rikorrent xtara minn barra.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha kkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet hames dokumenti li gew immarkati bhala Dok.JM1 sa Dok.JM5.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota li r-rikorrent kien fil-fatt accetta l-offerta li saritlu minghand is-socjeta' ntimata. Apparti minn hekk, ma ngabet l-ebda prova rigwardanti l-istat li kien jinsab fih l-arlogg qabel ma nha ghat-tiswija ghand is-socjeta' ntimata. Jidher car illi s-socjeta' ntimata ma naqqset bl-ebda mod fis-servizzi taghha lejn ir-rikorrent, u ghalhekk, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**